MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 1704/2005

**Talba Nru: 1704/05VGD**

Sea Malta Company Limited (C2764), u b'Digriet tal-10 ta' Mejju 2006 it-Tribunal laqa t-talba illi l-isem tas-socjeta' attrici jinbidel u jinqara 'John Abela u l-Avukat Dr. Andrew Chetcuti Ganado bhala stralcarji ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Sea Malta Company Limited (C2764).'

Vs

Reuben Micallef.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' tlett mija u hamsin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm350.45c) rapprezentanti spejjes ta' garr u servizzi ancillari rezi lill-konvenut in konnessjoni mal-garr ta' merkanzija fuq il-vapur MV

Zebbug, liema vapur wasal Malta fl-10 ta' Mejju 2005. Bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjes.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi l-allegazzjonijiet attrici huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante li l-esponenti qatt ma inkariga s-socjeta' attrici u ma kien hemm ebda ftehim. Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' attrici li hija ingunta ghas-subizzjoni.

Sema' x-xhieda ta' Raymond Darmanin prodott mis-socjeta' attrici.

Ra r-rikors tas-socjeta' attrici tad-9 ta' Mejju 2006.

Ra d-Digriet ta' dan it-Tribunal kif diversament presjedut tal-10 ta' Mejju 2006.

Ra d-Digriet tal-15 ta' Mejju 2007, fejn il-kawza giet differita sine die.

Ra r-rikors tas-socjeta' attrici tat-3 ta' Lulju 2007.

Ra d-Digriet tat-3 ta' Lulju 2007.

Ra l-verbal tas-seduta tal-17 ta' Jannar 2008.

Sema x-xhieda tal-konvenut Reuben Micallef.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi s-socjeta' attrici pproduciet bhala l-uniku xhud taghha, lill-Raymomd Darmanin li xehed sempliciment illi l-kawza odjerna qed issir ghall-gbir ta' freight u local charges fir-rigward ta' transport ta' trakk li kien jghajjat lill-konvenut, liema trakk wasal Malta fl-10 ta' Mejju 2005 fuq il-vapur MV Zebbug.

Mistoqsi in kontro ezami, jekk il-konvenut kienx ta xi struzzjonijiet lis-socjeta’ attrici sabiex din iggorr xi merkanzija ghalih, ix-xhud qal li le. L-istess xhud qal ukoll illi meta huma kienu bghatu ghall-konvenut sabiex jinfurmawh illi t-trakk kien wasal u li kien gie skarigat, il-konvenut qatt ma mar sabiex jigbor it-trakk in kwistjoni.

Is-socjeta’ attrici ma esebiet l-ebda dokument kwalsiasi in sostenn tat-talba taghha. Alavolja saret referenza ghall-polza ta’ karigu mix-xhud fuq imsemmi dan id-dokument ma giex esebit nonostante li kien ikun dokument essenzjali f’kawza bhal din.

Jigi rilevat illi s-socjeta’ attrici, alavolja inghatat l-opportunitajiet kollha sabiex tipproduci l-provi taghha, naqqset ghal kollox milli taghmel dan. It-Tribunal ma jistax jiehu in konsiderazzjoni kwalsiasi referenza li saret ghall-polza ta’ karigu, ghaliex din lanqas biex giet esebita. Ghalhekk in vista tal-fatt illi s-socjeta’ attrici bl-ebda mod ma rnexxilha tipprova dak li qed titlob fl-Avviz minnha pprezentat, u peress illi l-konvenut xehed illi huwa qatt ma ghamel xi ordni mas-socjeta’ attrici ghal xi importazzjoni ta’ xi oggetti jew merkanzija ohra, it-Tribunal jidhirlu illi l-eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal filwaqt illi jilqa’ l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jichad it-talba attrici. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------